**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Dicembru 2017**

**Talba Nru: 588/16 CZ**

**Muracel Limited (C-48673)**

**vs.**

**Ahmed Ali (ID 40087 A)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-15 ta' Dicembru 2016 li permezz taghha talbet li tithallas is-segwenti:

Pagament tas-somma ta' elf u sebgha u hamsin Euro (€1,057), ammont rapprezentanti prezz ta' prodotti u merkanzija mibjugha lill-konvenut mill-mittenti kif jirrizulta mill-istatement tal-invoices hawn anness u mmarkat 'Dok. A', liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet lilek maghmula.

Bl-ispejjez kollha tal-prezenti kif ukoll bl-imghax bl-oghla rata permessibli bil-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-30 ta' Jannar 2017 il-konvenut wiegeb bis-segwenti:

It-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana stante li ghaddew it-18-il xahar minn meta s-socjeta' attrici harget l-invoices u d-data meta gietipprezentata t-talba odjerna. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'huwiex il-legittimu kontradittur u m'ghandux u qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Fil-fatt, id-dettalji li hemm imnizzla kemm fl-invoices u anke fit-talba odjerna m'humiex korretti. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra x-xiehda tal-konvenut (fol. 12), nota b'dokumenti (fol. 17), id-dokument a fol. 22, ix-xiehda ta' Joseph Agius (fol. 23), ix-xiehda ta' Emily Abela (fol. 27), Oliver Sciberras (fol. 31).

Sema’ s-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob hlas ta’ elf u sebgha u hamsin Euro u erbatax-il centezmu (€1,057.14) ghal prodotti ta’ zebgha u prodotti relatati li bighhet fl-interess tal-konvenut, matul l-2012 u 2013, kif jidher mid-dokument a fol. 2 tal-process.

Illi **l-konvenut** qal li minghand is-socjeta’ attrici qatt ma xtara xejn. Ikkonferma pero’ li n-numru tac-cellulari 79252662 huwa tieghu, u li ilu juza dan in-numru mill-2007. Qal ukoll li qabel kellu karta ta’ l-identita’ bin-numru 40087 (A), u ghandu numru ta’ registrazzjoni tal-VAT 18463916. Qal ukoll li kien jaghmel ix-xoghol ta’ kisi u tibjid kemm wahdu kif ukoll ma’ nies ohra.

Illi **Anthony Bonnici** ghall-kumpanija GO plc iddikjara li ma kellux informazzjoni disponibbli dwar in-numru 79252662.

Illi x-xhud **Joseph Agius**, responsabbli mill-management tas-socjeta’ attrici, qal li l-istatement a fol. 2 tal-process huwa rendikont ta’ prodotti li ttiehdu minn hu l-konvenut. Dan il-materjal kien ittiehed biex jahdmu bih grupp ta’ nies li kienu jmexxuhom jew il-konvenut innifsu jew certu Ahmed Zamsam. Dan ix-xhud qal li lill-konvenut qatt ma rah, izda x-xoghol dejjem ittiehed minn Ahmed Zamsam.

Illi x-xhud **Emily Abela** ghas-socjeta' Melita Limited xehdet illi n-numru 79252662 qatt ma kien registrat ma' din is-socjeta'.

Illi x-xhud **Oliver Sciberras** qal li huwa kien sales person mas-socjeta' attrici, u li lill-konvenut kien minghalih ibieghlu. Saret referenza ghad-dokument a fol. 15 tal-process u x-xhud gharaf il-kitba ta' fuq id-dokument bhala kitba tieghu. Iktar tard fix-xiehda ikkonferma li lill-konvenut, is-socjeta' attrici kienet bighitlu prodotti, izda ma ftakarx jekk kienx mar il-konvenut fizikament sabiex jixtri.

**Illi t-Tribunal ikkonsidra s-segwenti:**

Illi ta' rilevanza partikolari ghal dan il-kaz huwa d-dokument a fol. 15 tal-process ghaliex huwa dan id-dokument li b'mod car jorbot lill-konvenut, bin-numru tal-karta' ta' identita' partikolari hemm imsemmija, mas-socjeta' attrici. Il-konvenut min-naha tieghu ikkonferma li kellu l-karta ta' l-identita' numru 40087 (A) u fil-fatt dan in-numru jinsab indikat fid-dokument 'credit account application form' appena msemmi. Fuq dan id-dokument jidher ukoll mobile number u cioe' 79290506, li huwa l-istess mobile number li jidher fuq id-dokument (invoice) a fol. 2 tal-process. Dan in-numru jidher, flimkien man-numru tal-konvenut, fuq business card esebita a fol. 14 tal-process, u allura n-ness bejn iz-zewg numri tal-mobile gie ppruvat permezz ta' din il-business card. Il-konvenut fil-fatt la kkontesta l-veracita' ta' din il-business card u lanqas tad-dokument a fol. 15. Mistoqsi direttament dwar il-hanut AA Imports (li jissemma fil-business card), il-konvenut jghid li dan il-hanut sema' bih, u li kellu x'jaqsam mieghu wiehed minn hutu. Il-konvenut ma qalx direttament li ghandu x'jaqsam hu ukoll ma' dan in-negozju, izda t-tribunal josserva li fuq il-business card ta' l-istess negozju hemm ukoll in-numru tieghu. Fuq kollox, fuq id-dokument a fol. 15 tal-process, hemm indikat l-indirizz tal-Fgura, l-istess wiehed li ntuza sabiex il-konvenut gie notifikat b'din il-kawza, u li allura kien l-indirizz personali tal-konvenut – gialadarba xehed illi kien joqghod hemm u li l-persuni

residenti llum f'dan il-post qalulu li kienu waslulu l-atti relattivi ghall-kawza odjerna hemmhekk. Illi ghalhekk il-karta ta' l-identita' u l-indirizz personali tal-konvenut fuq id-dokument a fol. 15 jorbtu minghajr dubju lill-konvenut mas-socjeta' attrici, u dan bhala klijent taghha, u t-Tribunal mhux qed jakkolji d-difiza tal-konvenut fejn qal li qatt ma xtara xejn minghand is-socjeta' attrici. Dwar il-kwantita' u t-tip ta' materjal mixtri, il-konvenut ma gab l-ebda prova kuntarja ghal dak indikat fl-invoice a fol. 2 tal-process, u dan dovut ukoll ghal-linja ta' difiza li ghazel li jiehu.

Illi kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, partikolarment dik citata mill-konvenut that l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi hawn si tratta ta' relazzjoni kummercjali bejn socjeta' li tbiegh il-prodotti taz-zebgha, u l-klijent rispettiv taghha, f'dan il-kaz kuntrattur tal-kisi u t-tibjid, li l-materjal li jixtri jibdu f'opra. Illi ghalhekk l-artikolu citat mill-konvenut ma japplikax, ghaliex il-bejgh in kwestjoni ma jikkwalifikax bhala bejgh bl-imnut, izda bejgh bl-ingrossa. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza *Pace Associates Limited vs. Drawing Techniques Limited*[1], fejn intqal:

> Skond l-Artikolu 2955 (5) tal-Kodici Civili Taljan jippreskrivu ruhhom b' gheluq sena d-drittijiet "dei commercianti, per il prezzo della merce vendute a chi non ne fa commercio". Jidher li f' dan il-ligi taghna ma segwietx dik Taljana in kwantu tirreferi biss ghall-bejgh "bl-imnut". L-istess ligi taghna ma taghmelx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa imma jidher, imbaghad, li din id-distinzjoni giet supplimentata millgurisprudenza taghna;
>
> Fl-ewwel lok jinsab ritenut illi fil-kaz ta' bejgh "bl-imnut" huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. (Ara Kollez. Vol. XLV P III p 813). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita`tal-persuni u anzi ma tharisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se (Kollez. Vol. XLVIII P II p 959); L-istess gurisprudenza tistabbilixxi mbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh blingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghallmerce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f' opra (Kollez. Vol. XXIII P I p 909) jew fejn

[1] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) – 7 ta' Dicembru 2005, per. Onor. Imhallef Philip Sciberras

> wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed blingrossa ("Giuseppe Borg -vs- Dr. Giovanni Bonello et nomine et", Appell Civili, 22 ta' Gunju 1970). Ghalhekk ilgrossista "vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata" mentri l-imnutant "vende per lo piu` a compratori e in piccole quantita misurata al bisogno di costoro" (Vol. XXI P III p 235). Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-Artikolu 2156 (f), fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b);

Illi jidher car ghalhekk illi l-preskrizzjoni li tapplika ghall-kaz odjern hija dik kwinkwennali u mhux dik citata mill-konvenut, b'tali mod li l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici ma gewx estinti mill-preskrizzjoni. It-Tribunal ha jichad ukoll ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebgha w hamsin Euro u erbatax-il centezmu (€1,057.14), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur